

- 3) Ir-rikors għad-danni ppreżentat minn Gascogne Sack Deutschland GmbH u Gascogne SA sa fejn huwa intiż li jinkiseb kumpens għad-dannu għal ammont ta' EUR 187 571 bħala dannu materjali allegat li jikkonsisti fil-ħlas ta' spejjeż ta' garanzija bankarja lil hinn mit-terminu raġonevoli għall-ġhoti ta' sentenza fil-kuntest tal-kawża li taw lok għas-sentenzi tas-16 ta' Novembru 2011, *Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni* (T-72/06, mhux ippubblikata, EU:T:2011:671), u tas-16 ta' Novembru 2011, *Sachsa Verpackung vs Il-Kummissjoni* (T-79/06, mhux ippubblikata, EU:T:2011:674), huwa miċħud.
- 4) Gascogne Sack Deutschland GmbH u Gascogne SA għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħhom, dawk kollha sostnuti mill-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fil-kuntest ta' dawn l-appelli, kif ukoll l-ispejjeż rispettivi tagħhom fl-ewwel istanza.
- 5) L-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha sostnuti fl-ewwel istanza.
- 6) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha kemm fil-proċedura tal-ewwel istanza kif ukoll fil-kuntest tal-appell fil-Kawża C-138/17 P.

(<sup>1</sup>) ĠU C 151, 15.5.2017.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-13 ta' Diċembru 2018 – L-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea vs Kendrion NV, Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-150/17 P) (<sup>1</sup>)

(Appell — Rikors għad-danni — It-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE — Tul eċċessiv tal-proċedura fil-kuntest ta' kawża quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea — Kumpens għad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti — Dannu materjali — Spejjeż ta' garanzija bankarja — Rabta kawżali — Interessi moratorji — Dannu immaterjali)

(2019/C 65/03)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

### Partijiet

Appellanti: L-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Inghelram u E. Beysen, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: Kendrion NV (rappreżentanti: Y. de Vries, T. Ottervanger u E. Besselink, advocaten), il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Urraca Caviedes, S. Noë u F. Erlbacher, aġenti)

### Dispożittiv

- 1) Il-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-1 ta' Frar 2017, *Kendrion vs L-Unjoni Ewropea* (T-479/14, EU:T:2017:48), huwa annullat.
- 2) L-appell incidental i ppreżentat minn Kendrion NV huwa miċħud.
- 3) Ir-rikors għad-danni ppreżentat minn Kendrion NV, sa fejn huwa intiż sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu materjali li jikkonsisti fil-ħlas ta' spejjeż ta' garanzija bankarja lil hinn mit-terminu raġonevoli għall-ġhoti ta' sentenza fil-kuntest tal-kawża li tat lok għas-sentenza tas-16 ta' Novembru 2011, *Kendrion vs Il-Kummissjoni* (T-54/06, mhux ippubblikata, EU:T:2011:667), huwa miċħud.

- 4) Kendrion NV għandha tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk kollha sostnuti mill-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fil-kuntest ta' dan l-appell, kif ukoll l-ispejjeż rispettivi tagħha fl-ewwel istanza.
- 5) L-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha sostnuti fl-ewwel istanza.
- 6) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha kemm fil-proċedura tal-ewwel istanza kif ukoll fil-kuntest ta' dan l-appell.

<sup>(1)</sup> ĠU C 161, 22.5.2017.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-13 ta' Diċembru 2018 – L-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea vs Plásticos Españoles, SA (ASPLA), Armando Álvarez, SA, Il-Kummissjoni Ewropea (C-174/17 P), Plásticos Españoles, SA (ASPLA), Armando Álvarez, SA vs L-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea (C-222/17 P)**

(Kawżi magħquda C-174/17 P u C-222/17 P) <sup>(1)</sup>

(Appell — Rikors għad-danni — It-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE — Tul eċċessiv tal-proċedura fil-kuntest ta' żewġ kawżi quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea — Kumpens għad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti — Dannu materjali — Spejjeż ta' garanzija bankarja — Rabta kawżali — Interessi moratorji)

(2019/C 65/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

## Partijiet

(Kawża C-174/17 P)

**Appellanti:** L-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn J. Inghelram u Á.M. Almendros Manzano u P. Giusta, aġenti, sussegwentement minn J. Inghelram u Á.M. Almendros Manzano, aġenti)

**Partijiet oħra fil-proċedura:** Plásticos Españoles, SA (ASPLA), Armando Álvarez, SA (rappreżentanti: M. Troncoso Ferrer, C. Ruixó Claramunt u S. Moya Izquierdo, abogados), il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Urraca Caviedes, S. Noë, F. Erlbacher u F. Castilla Contreras, aġenti)

(Kawża C-222/17 P)

**Appellanti:** Plásticos Españoles, SA (ASPLA), Armando Álvarez, SA (rappreżentanti: S. Moya Izquierdo u M. Troncoso Ferrer, abogados)

**Partijiet oħra fil-proċedura:** L-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn J. Inghelram, Á.M. Almendros Manzano u P. Giusta, aġenti, sussegwentement minn J. Inghelram, Á.M. Almendros Manzano, aġenti), il-Kummissjoni Ewropea

## Dispożittiv

- 1) Il-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-17 ta' Frar 2017, ASPLA u Armando Álvarez vs L-Unjoni Ewropea (T-40/15, EU:T:2017:105), huwa annullat.
- 2) L-appell fil-Kawża C-222/17 P ippreżentat minn Plásticos Españoles SA (ASPLA) u Armando Álvarez SA huwa miċħud.